**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**

**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 22 ta' Mejju 2025**

Rikors Numru: 119/2025 AL

A B

Vs

C B

(M.R. Numru 2091/2005)

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrent li permezz tieghu espona:

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tnax ta' Novembru tas-sena elfejn u hamsa (12/11/2005) (Certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok A);

2. Illi tul iz-zwieg taghhom twieldu zewgt itfal, D li twieldet fit-tnax ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (12/05/2008) u E li twieled fl-erbgha u ghoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u hdax (24/01/2011);

3. Illi l-partijiet isseparaw bonarjament nhar id-disgha ta' Jannar tas-sena elfejn u hamsa u ghoxrin (09/01/2025) permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Jean Carl Debono (kopja tal-kuntratt hawn annessa u mmarkata Dok B);

4. Illi fir-rigward tal-manteniment reciproku, il-partijiet kienu rrinunzjaw ghall-istess b'mod definittiv; filwaqt li l-manteniment tal-ulied huwa regolat u l-esponent dejjem ivversa l-istess u m'hemm ebda arretrati dwar l-istess;

5. Illi bejn il-partijiet m'hemm l-ebda prospett raggonevoli ta' rikonciljazzjoni, anke l-ghaliex, illum il-gurnata z-zewg partijiet ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u effettivament ilhom jghixu de facto separati sa minn Novembru tas-sena elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) u dan kif jirrizulta anke mill-kuntratt ta' separazzjoni nnifsu;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet rikjesti mil-ligi ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Illi l-esponent qed jikkonferma l-fatti hawn elenkati bil-gurament tieghu, anke permezz tal-affidavit tieghu hawn anness u mmarkat Dok C;

Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan tal-ahhar jirregistra l-istess fic-certifikat taz-zwieg tal-partijiet;

U dana taht kull provvediment iehor li l-istess jidhrilha li hu xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tat-18 ta’ Marzu 2024;

Semghet lill-intimata preżenti fl-awla fuq domanda tal-Qorti twieġeb li m'għandha l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mid-9 ta' Jannar 2025 u de facto separti minn Novembru 2023;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.